MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMĦALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta ta' l-1 ta' Diċembru, 2003

Ċitazzjoni Numru. 1051/2002

**Cit Nru: 1051/02 JA**

**Avukat Dr. Philip Manduca bhala mandatarju specjali ta’ PUMA AG Rudolf Dassler Sport.**

**-vs-**

**Tarek R. Hlal.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentat fis-17 ta’ Settembru, 2002 li bih l-attur nomine ppremetta:

Illi s-socjeta' attrici hi proprjetarja tal-marka "PUMA" registrat f' Malta bin-numru 13091 u tal-marka "Cat" registrat f' Malta bin-numru 13092.

Billi dan l-ahhar l-konvenut ikkontravjena t-trademark in kwistjoni billi uza +sinjal identiku mat-trademark ghar-rigward ta' oggett li huwa identitci ma' dawk li dwarhom it-trademark tas-socjeta' attrici giet registrata u dan billi gab f' Malta kwantita ta' zraben bil-marki ta' "Puma".

Billi ghalhekk l-konvenut ikkaguna danni lis-socjeta' attrici.

Billi ghalhekk hemm lok li jsir il-qerda ta' l-oggetti fil-pussess u/jew spaccjati u jew prodotti u jew importati f' Malta mill-konvenut bil-marka proprieta tas-socjeta' attrici u dan kif provudut fl-Artikolu 15 ta' l-Att dwar it-Trademarks.

Ghalhekk jitlob lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m' ghandhiex:

1. tiddikjara li l-konvenut kkontravjena t-trademark jew trademarks proprieta' tas-socjeta' attrici u b' hekk ikkaguna danni lis-socjeta' attrici.

2. tillikwida d-danni sofferti mis-socjeta' attrici minhabba l-agir tal-konvenut.

3. tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici dawk id-danni fuq msemmija.

4. tordna l-qerda tal-oggetti (zraben) spaccjati u/jew prodotti u jew migjuba f' Malta mill-konvenut bit-trademark/s tas-socjeta' attrici.

Bl-ispejjez presentati kontestwalment kontra l-konvenut li hu ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur nomine mahlufa minnu stess fis-17 ta' Settembru, 2002 u l-lista tax-xhieda.

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lill-konvenut li naqas li jipprezenta nota ta' eccezzjonijiet u b' hekk baqa' kontumaci;

Semghet ix-xhieda tas-socjeta' attrici;

Semghet l-Avukat tas-socjeta' attrici;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talbiet dedotti fic-citazzjoni jirrizultaw pruvati;

**Fil-kontumacja tas-socjeta' konvenuta tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet tas-socjeta' attrici eccetto t-tielet talba stante li ma' ngiebux provi dwan danni, kif dedotti fic-citazzjoni. Ghall-fini tar-raba talba tordna li d-distruzzjoni tal-oggetti in kwistjoni issir fi zmien hmistax il-gurnata millum. Bl-ispejjez tal-kawza kontra l-konvenut.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------